26.3.2024

Is-Sur Juan Fernando López Aguilar
President
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi ġuridika tal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148 (COM(2016)0467 – C9-0039/2024 – 2016/0224B(COD))

Sur President,

Bl-ittra tal-15 ta' Frar 2024[1], il-President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) ikkonsulta lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI), skont l-Artikolu 40(2) tar-Regoli ta' Proċedura, biex jipprovdi opinjoni dwar l-adegwatezza, fost l-oħrajn, tal-bażi ġuridika tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148 (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament propost").

Il-Kumitat JURI se jeżamina l-kwistjoni msemmija hawn fuq waqt il-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Marzu 2024.

## I - Sfond

F'Diċembru 2023, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim proviżorju dwar il-proposti leġiżlattivi inklużi fil-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil[2] li kien ippreżentat mill-Kummissjoni f'Settembru 2020. Parti minn dak il-Patt kienet ukoll proposta emendata għal Regolament li jistabbilixxi proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE[3] (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament dwar il-Proċedura

[1] D(2024)5159.
[2] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil (COM(2020) 609 final tat-23 ta' Settembru 2020).
[3] COM (2016) 467 finali tat-13.7.2016 u COM (2020) 611 emendat tat-23.9.2020 (2016/0224A (COD)).


*Magħquda fid-diversità*

tal-Ażil") u proposta għal Regolament li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u *force majeure* fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-ażil[4] (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament dwar sitwazzjonijiet ta' Kriżi").

Wara li ntlaħaq ftehim proviżorju, is-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill intalbu jevalwaw l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali u jagħmlu rakkomandazzjonijiet tekniċi bil-għan li jiżguraw li l-operabbiltà u l-koerenza tal-*acquis* ta' Schengen ikunu rispettati.

Wara li wettqu l-valutazzjoni, is-Servizzi Legali rrakkomandaw li d-dispożizzjonijiet li huma rilevanti għaż-żona Schengen jiġu inklużi f'att awtonomu. Dak li rriżulta kien ir-Regolament propost li essenzjalment jinkludi d-dispożizzjonijiet dwar il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, negozjati u maqbula proviżorjament fil-qafas tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, flimkien ma' derogi mdaħħla mir-Regolament dwar Sitwazzjonijiet ta' Kriżi u l-emendi għall-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/1148[5]. Matul il-laqgħa tal-Grupp ta' Kuntatt dwar l-Ażil mal-ħames Presidenzi b'rotazzjoni tal-Kunsill[6], il-Parlament Ewropew u l-Kunsill approvaw b'mod proviżorju din ir-rakkomandazzjoni u r-Regolament propost li rriżulta fil-forma tal-abbozz ta' att awtonomu. Il-Kumitat LIBE mbagħad ipproċeda b'talba għal opinjoni tal-Kumitat JURI dwar l-adegwatezza tal-użu tal-Artikolu 77(2) u l-Artikolu 79(2), il-punt (c), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) bħala l-bażi ġuridika tar-Regolament propost.

## II - L-Artikoli rilevanti tat-Trattat

Il-Kapitolu 2 ("Politiki dwar il-kontrolli fil-fruntieri, l-ażil u l-immigrazzjoni") tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE jgħid, fost l-oħrajn (enfasi miżjuda):

*L-Artikolu 77*
*(ex Artikolu 62 tat-TKE)*

1. *L-Unjoni għandha tiżviluppa politika bil-għan li:*

   (a) *tassigura li ma jkun hemm l-ebda kontroll fuq persuni, tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni;*

   (b) *tassigura li jsiru kontrolli fuq persuni u sorveljanza effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni;*

   (c) *iddaħħal b'mod gradwali sistema integrata ta' ġestjoni għall-fruntieri esterni.*

2. ***Għall-fini tal-paragrafu 1, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa dwar:***

[4] COM(2020) 613 tat-23.9.2020 (2020/0277(COD)).
[5] Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 48).
[6] Il-format stabbilit skont il-Pjan Direzzjonali Konġunt bejn il-PE u l-Kunsill għan-negozjati dwar is-SEKA u l-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, iffirmat f'Settembru 2022.

(a) ***il-politika komuni dwar viżi u permessi oħra ta' residenza għal permanenza qasira;***

(b) ***il-kontrolli li huma suġġetti għalihom il-persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni;***

(c) ***il-kondizzjonijiet li taħthom iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom il-libertà li jivvjaġġaw fl-Unjoni għal żmien qasir;***

(d) ***kwalunkwe miżura meħtieġa għall-istabbiliment gradwali ta' sistema integrata ta' ġestjoni għall-fruntieri esterni;***

(e) ***in-nuqqas ta' kontroll fuq persuni, tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni.***

*(...)*

*L-Artikolu 79*
*(ex Artikolu 63, punti 3 u 4, TKE)*

1. *L-Unjoni għandha tiżviluppa politika komuni ta' immigrazzjoni maħsuba biex tassigura, fl-istadji kollha, l-amministrazzjoni effikaċi tal-flussi tal-migrazzjoni, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-Istati Membri, kif ukoll il-prevenzjoni u l-ġlieda b'saħħa kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin.*

2. ***Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jadottaw il-miżuri fl-oqsma li ġejjin:***

(a) *il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza, kif ukoll l-istandards dwar il-ħruġ minn Stati Membri ta' viżi u permessi ta' residenza għal żmien twil, inklużi dawk biex terġa' tingħaqad il-familja;*

(b) *id-definizzjoni tad-drittijiet ta' ċittadin ta' pajjiż terz residenti legalment fi Stat Membru inklużi l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-libertà ta' moviment u ta' residenza fi Stati Membri oħra;*

(c) ***l-immigrazzjoni illegali u r-residenza mhux awtorizzata, inkluża t-tkeċċija u r-ripatrijazzjoni ta' persuni residenti mingħajr awtorizzazzjoni;***

(d) *il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikolari tan-nisa u t-tfal.*

*(...)*

**<u>III – Il-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar l-għażla tal-bażi ġuridika</u>**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tradizzjonalment ikkunsidrat il-kwistjoni tal-bażi ġuridika xierqa bħala kwistjoni ta' importanza kostituzzjonali, li tiggarantixxi l-osservanza tal-prinċipju tas-setgħat

konferiti (l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) u tiddetermina n-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tal-Unjoni[7].

Skont ġurisprudenza stabbilita sew, il-bażi ġuridika ta' att tal-Unjoni ma tiddependix mill-konvinzjoni ta' istituzzjoni rigward l-objettiv segwit, iżda trid tiġi ddeterminata skont kriterji oġġettivi li jistgħu jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju, inkluż b'mod partikolari l-għan u l-kontenut tal-miżura[8].

Jekk l-eżami ta' miżura juri li din għandha skop doppju jew li għandha komponent doppju, u jekk wieħed minn dawk jiġi identifikat bħala l-iskop jew il-komponent prinċipali jew predominanti, waqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, dik il-miżura trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-iskop jew il-komponent prinċipali jew predominanti[9]. F'każ eċċezzjonali biss, jekk ikun stabbilit li l-att isegwi b'mod simultanju għadd ta' objettivi, marbutin b'mod li ma jistgħux jinfirdu, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju jew indirett fir-rigward tal-ieħor, tali att jista' jkun ibbażat fuq id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti[10]. Madankollu, dan ikun possibbli biss jekk il-proċeduri stabbiliti għall-bażijiet ġuridiċi rispettivi ma jkunux inkompatibbli u ma jdgħajfux id-dritt tal-Parlament Ewropew[11].

## <u>IV – L-għan u l-kontenut tar-Regolament propost</u>

L-ispjegazzjonijiet tal-għan tar-Regolament propost jinstabu fil-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta emendata għar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, li l-Kummissjoni ressqet fl-2020 fil-qafas tal-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Fiha l-Kummissjoni ddikjarat "*li ma kkunsidratx li kien meħtieġ li jsiru emendi estensivi għall-proposta tal-2016 li fuqha l-koleġiżlaturi diġà għamlu progress sinifikanti*" iżda għamlet "*<u>emendi mmirati</u> għall-proposta tal-2016 biex jiġu indirizzati [...] sfidi speċifiċi li ser imexxu 'l quddiem l-objettivi u jistabbilixxu, flimkien mal-proposta għal Regolament li jintroduċi skrinjar, rabta bla xkiel bejn l-istadji kollha tal-proċess tal-migrazzjoni, mill-wasla sal-ipproċessar tat-talbiet għall-ażil u, <u>fejn applikabbli, ir-ritorn</u>*" (enfasi miżjuda). Matul l-iskrinjar, il-migranti jiġu rreġistrati u eżaminati biex jiġu stabbiliti riskji ta' identità u saħħa u sigurtà tagħhom. Wara dan, il-migranti jiġu riferuti għall-"*proċedura xierqa, kemm jekk ażil, ċaħda ta' dħul jew <u>ritorn</u>*" (enfasi miżjuda). Imbagħad, jiġi determinat jekk applikazzjoni għall-ażil għandhiex tiġi evalwata mingħajr ma jiġi awtorizzat id-dħul tal-applikant fit-territorju tal-Istat Membru fi proċedura tal-fruntiera tal-ażil jew fi proċedura normali tal-ażil. Fejn tintuża proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera u jekk jiġi ddeterminat li l-individwu ma kienx jeħtieġ protezzjoni, issegwi proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera.

Huwa wara li din il-proċedura fil-fruntiera ġiet konċepita li l-Kummissjoni emendat ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil billi inseriet dispożizzjonijiet dwar ir-ritorn taċ-

---

7 Opinjoni 2/00 ("*Protokoll ta' Cartagena*"), ECLI:EU:C:2001:664, il-punt 5.

8 Kawża C-300/89, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill ("Diossidu tat-titanju"), ECLI:EU:C:1991:244, il-punt 10.

9 Kawża C-137/12, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:2013:675, paragrafu 53 u l-ġurisprudenza ċċitata.

10 Il-Kawża C-300/89, il-punti 13 u 17; Il-Kawża C-42/97, *Il-Parlament vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:1999:81, il-punt 38; L-Opinjoni 2/00, il-paragrafu 23; Il-Kawża C-94/03, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill* ("*Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam*"), ECLI:EU:C:2006:2, u l-Kawża C-178/03, *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u L-Kunsill, ECLI:*EU:C:2006:4, il-punti 36 u 43.

11 Il-Kawża C-300/89, il-punti 17-25; Il-Kawża C-268/94, *Il-Portugall vs Il-Kunsill,* ECLI:EU:C:1996:461.

ċittadini ta' pajjiżi terzi permezz tal-ħolqien ta' proċedura tal-fruntiera biex jitwettqu tali ritorni u żiedet l-Artikolu 79(2), il-Punt (c), tat-TFUE bħala bażi ġuridika għar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil. Fl-ewwel punt dwar il-bażi ġuridika taħt il-punt 2 tal-memorandum ta' spjegazzjoni tal-emenda tal-2020 tal-proposta għar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil il-Kummissjoni spjegat li l-bażi ġuridika għar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil kienu "*l-Artikoli°78(2)(d) u 79(2)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dawn jipprevedu l-adozzjoni ta' miżuri għal proċeduri komuni għall-għoti u għall-irtirar ta' status uniformi tal-ażil jew protezzjoni sussidjarja kif ukoll l-immigrazzjoni illegali u r-residenza mhux awtorizzata, inkluż it-tneħħija u r-ripatrijazzjoni ta' persuni residenti mingħajr awtorizzazzjoni, rispettivament*" u li kien "*meħtieġ li tiżdied din l-aħħar bażi ġuridika biex jiġu previsti dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw ir-ritorn ta' persuni li jfittxu ażil rifjutati, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħruġ konġunt ta' deċiżjoni tar-ritorn wara deċiżjoni negattiva dwar applikazzjoni, ir-rimedju konġunt kontra dawn id-deċiżjonijiet u l-proċeduri fuq il-fruntiera bla xkiel tal-ażil u tar-ritorn.*"

Matul in-negozjati interistituzzjonali l-koleġiżlaturi qablu b'mod proviżorju dwar il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera fil-kuntest tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, inkluż dwar l-Artikoli 41 g u 41h dwar il-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn u d-detenzjoni rispettivament. Madankollu, fil-passi konklużivi l-koleġiżlaturi qablu li għal raġunijiet tal-hekk imsejħa ġeometrija varjabbli ta' Schengen, ir-Regolament propost kellu jinqasam fi tnejn: filwaqt li l-ewwel test ikun jinkludi d-dispożizzjonijiet kollha li jistabbilixxu proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni (jiġifieri r-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil), id-dispożizzjonijiet dwar il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera jitneħħew u jitqiegħdu fit-tieni test (ir-Regolament propost li huwa s-suġġett ta' din l-opinjoni).

Ir-riżultat huwa att awtonomu li l-għan tiegħu huwa li "*jirrazzjonalizza, jissimplifika u jarmonizza l-arranġamenti proċedurali tal-Istati Membri billi jistabbilixxi proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera.*" Il-premessi tar-Regolament propost jistipulaw ukoll li "*biex tiġi żgurata l-kontinwità bejn il-proċedura tal-ażil u l-proċedura ta' ritorn, il-proċedura ta' ritorn jenħtieġ li titwettaq ukoll fil-kuntest ta' proċedura fuq il-fruntiera*". Ir-Regolament propost jiċċara wkoll ir-relazzjoni mad-Direttiva dwar ir-ritorn "regolari"[12]. Jistabbilixxi regoli għad-detenzjoni ta' persuna li ma għadx għandha d-dritt li tibqa' u li ma tħallietx tibqa', għall-fini tal-prevenzjoni tad-dħul fit-territorju u tat-twettiq ta' ritorn. Il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera jenħtieġ li "*tiffaċilita wkoll, f'sitwazzjoni ta' kriżi, ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi li l-applikazzjonijiet tagħhom ġew miċħuda fil-kuntest ta' kriżi* [...] *u li ma għandhom l-ebda dritt li jibqgħu u ma jitħallewx jibqgħu.*" Dan huwa rifless fl-Artikoli, b'mod partikolari l-Artikoli 4, 5 u 6 dwar il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, id-detenzjoni u l-miżuri applikabbli għall-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera f'sitwazzjoni ta' kriżi, rispettivament.

Fl-aħħar nett, ir-Regolament propost jemenda wkoll l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1148[13] (l-Artikolu 9), sabiex jippermetti li dak l-Istrument jiġi mobilizzat biex jipprovdi

---

[12] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

[13] Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 48).

appoġġ għall-isforzi tal-Istati Membri fl-applikazzjoni tar-Regolament propost.

**V – Analiżi**

Ir-Regolament propost essenzjalment fih dawk li kienu l-Artikoli 41g u 41h fir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil (l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament propost) u l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (l-Artikolu 6 fir-Regolament propost), u l-premessi korrispondenti. Dawn huma kollha dispożizzjonijiet relatati mar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li oriġinarjament kien parti mill-Konvenzjoni ta' Schengen (l-Artikoli 23 u 24) taħt il-Kapitolu IV tat-Titolu II intitolat "*Tneħħija ta' kontrolli fil-fruntieri interni u fuq il-moviment ta' persuni*". Għalhekk huma bla dubju parti mill-*acquis* ta' Schengen, iżda ma tpoġġewx f'att rilevanti għaż-żona ta' Schengen.

Huwa essenzjali li jiġu ppreservati l-operabbiltà u l-koerenza tal-*acquis* ta' Schengen[14], kif ukoll il-konformità sħiħa tiegħu, minn naħa waħda, mal-Protokolli rilevanti tal-ĠAI[15] u, min-naħa l-oħra, il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni ta' Schengen konklużi mill-Unjoni man-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein. Barra minn hekk, ir-ritorni kollha ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi miż-żona Schengen għandhom jitqiesu bħala żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, billi n-nazzjonali kollha ta' pajjiżi terzi li jidħlu fiż-żona Schengen huma soġġetti għall-kundizzjonijiet uniformi ta' dħul stipulati fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, inkluż f'sitwazzjoni ta' kriżi, jenħtieġ li, għalhekk, titqies ukoll bħala parti mill-*acquis* ta' Schengen relatata mal-ġestjoni integrata tal-fruntieri. Għalhekk, jidher li dawk id-dispożizzjonijiet issa ġew inklużi b'mod korrett, bil-premessi rispettivi tagħhom, f'att awtonomu rilevanti għal Schengen, ibbażat b'mod korrett fuq l-Artikolu 79(2), il-Punt (c), TFUE.

Barra minn hekk, l-emendi tar-Regolament (UE) 2021/1148 iddaħħlu wkoll fir-Regolament propost sabiex jiġi emendat l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi li għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri b'saħħitha u effettiva fil-fruntieri esterni. L-Artikolu 77(2) tat-TFUE jservi bħala l-bażi ġuridika għal miżuri dwar, fost l-oħrajn, viżi, verifiki fil-fruntieri, is-sistema integrata ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-Unjoni u n-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni. Għalhekk, din id-dispożizzjoni tidher li tintuża b'mod korrett flimkien mal-Artikolu 79(2), il-Punt (c), tat-TFUE, peress li l-objettivi segwiti huma intrinsikament marbuta u wieħed mhuwiex sempliċiment sekondarju u indirett meta mqabbel mal-ieħor. L-użu tal-bażi ġuridika doppja għalhekk ikun konsistenti mal-kriterji msemmija fil-punt III ta' din in-nota.

[14] Ara, fost l-oħrajn, is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2010 fil-Kawża C-482/08, *Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill (VIS)*, ECLI:EU:C:2010:631, il-punt 48, li fiha l-Qorti tirreferi għall-*"koerenza neċessarja ta' dan l-acquis* [ta' Schengen] *u tan-neċessità li tinżamm din il-koerenza fl-iżvilupp possibbli tiegħu"*; ara wkoll il-punti 49 u 58 tas-Sentenza.

[15] Il-Protokolli (Nru 19) dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-Qafas tal-Unjoni Ewropea, (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka.

**<u>VI – Konklużjoni u rakkomandazzjoni</u>**

Matul il-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Marzu 2024, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali għaldaqstant iddeċieda, bi 17-il vot favur, l-ebda vot kontra u astensjoni waħda[16], li jirrakkomanda lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern li l-Artikolu 79(2), il-Punt (c), u l-Artikolu 77(2) TFUE jidhru li huma bażi ġuridika xierqa għar-Regolament propost.

Dejjem tiegħek,

Is-Sur Adrián Vázquez Lázara

[16] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Adrián Vázquez Lázara (President), Marion Walsmann (Viċi President), Lara Wolters (Viċi President), Alessandra Basso, Ilana Cicurel, Ibán García Del Blanco, Pascal Durand, Daniel Freund (għal Sergey Lagodinsky, skont l-Artikolu 209 (7) tar-Regoli ta' Proċedura), Heidi Hautala, Pierre Karleskind, Gilles Lebreton, Maria-Manuel Leitão-Marques, Karen Melchior, Sabrina Pignedoli, René Repasi, Franco Roberti, Michaela Šojdrová (għal Jiří Pospíšil, skont l-Artikolu 209 (7) tar-Regoli ta' Proċedura), Axel Voss, Javier Zarzalejos.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.